



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 198/23

il-Lussemburgu, 20 ta' Diċembru 2023

Sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-216/21 | Ryanair u Malta Air vs Il-Kummissjoni (Air France ; COVID-19) u T-494/21 | Ryanair u Malta Air vs Il-Kummissjoni (Air France-KLM u Air France ; COVID-19)

Għajjnuna mill-Istat fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19: il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-għajjnuna finanzjarja mogħtija minn Franza lil Air France u lil Air France-KLM

Meta jkun hemm biża' tal-effetti fuq il-kompetizzjoni ta' kumulu ta' għajjnuna mill-Istat fi ħdan l-istess grupp, il-Kummissjoni għandha teżamina b'attenzjoni partikolari r-rabtiet bejn il-kumpanniji li jappartjenu għalih

F'April 2020, matul il-pandemija tal-Covid-19, Franza kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea miżura ta' għajjnuna individwali favur Air France, li kienet tipprevedi li din tingħata i) garanzija mill-Istat ta' 90 % fuq self li jammonta għal erba' biljun euro mogħti minn konsorzju ta' banek u ii) self minn azzjonist ekwivalenti għal ammont massimu ta' tliet biljun euro. Skont il-Kummissjoni, Air France biss kienet il-benefiċjarja ta' din l-għajjnuna, bl-esklużjoni tal-kumpanniji l-oħra kollha tal-grupp Air France-KLM.

F'Marzu 2021, Franza kkomunikat ukoll lill-Kummissjoni miżura individwali fil-forma ta' rikapitalizzazzjoni ta' Air France u tal-kumpannija holding Air France-KLM, fl-ammont totali ta' erba' biljun euro. Din il-miżura kienet tikkonsisti i) fil-parteċipazzjoni ta' Franza fi proġett ta' żieda fil-kapital ta' ammont massimu ta' biljun euro u ii) fil-konverżjoni tas-self minn azzjonist fi strument ibridu. Skont il-Kummissjoni, Air France u l-kumpannija holding Air France-KLM biss kienu l-benefiċjarji ta' din l-għajjnuna, bl-esklużjoni b'mod partikolari ta' KLM, liema kumpannija tagħmel parti mill-grupp Air France-KLM.

Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet: hija dehrilha li dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu għajjnuna kompatibbli mas-suq intern. Ryanair u Malta Air ikkontestaw dawn id-deċiżjonijiet u sostnew, essenzjalment, li l-miżuri inkwistjoni huma kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni. Fil-fehma tagħhom, il-Kummissjoni ddefinixxiet b'mod żbaljat lill-benefiċjarji ta' din l-għajjnuna, meta ddeċidiet li la l-kumpannija holding Air France-KLM (fid-deċiżjoni kkontestata fil-Kawża T-216/21) u lanqas KLM (fiż-żewġ deċiżjonijiet ikkontestati) ma kienu benefiċjarji tagħha.

Il-Qorti Ġenerali tilqa' dawn ir-rikorsi u tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Hija tqis li din tal-aħħar wettqet żball fid-definizzjoni tal-benefiċjarji tal-għajjnuna mill-Istat mogħtija, meta eskcludiet lill-kumpannija holding Air France-KLM u lil KLM fil-Kawża T-216/21 u lil KLM fil-Kawża T-494/21. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali teżamina r-rabtiet kapitalistiċi, organiċi, funzjonali u ekonomiċi bejn il-kumpanniji tal-grupp Air France-KLM, il-kuntest kuntrattwali li fih ingħataw il-miżuri inkwistjoni, kif ukoll it-tip ta' miżura ta' għajjnuna mogħtija u l-kuntest li fih dawn jaqgħu. Hija tikkonkludi, fuq din il-bażi, li l-kumpannija holding Air France-KLM (fl-ewwel kawża) u KLM (fit-tieni kawża) setgħu jibbenefikaw, tal-inqas b'mod indirett, mill-vantaġġ mogħti mill-għajjnuna mill-Istat inkwistjoni.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ, jekk meħtieġa, is-sunti tas-sentenzi ([T-216/21](#) u [T-494/21](#)) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

